**15 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.,**

**Onor. Dr. H. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Dr. Filippo Nicola Buttigieg et.

*versus*

A.I.C. George Galea

**Perit — Danni — Preskrizzjoni — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 2261(f) u 2242 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni ta' danni kontra perit minħabba ommissjonijiet allegati kommessi minnu fl-eżekuzzjoni ta' xogħol ta' rikostruzzjoni ta' bini mġarraf bil-ħidma tal-għadu hija dik ta' ħames snin, li tikkontempla l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor mhux kompriż fil-paragrafi ta' qabel tad-dispożizzjoni rilevanti tal-liġi, li jkun ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu*

*ma jkunx jaqa', skond il-Kodiċi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att publiku.*

*Il-liġi ma tippreskrivix terminu "a quo" għal din il-preskrizzjoni; u għalhekk tapplika d-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tiddekorri mill-ġurnata li fiha dik l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, jiġifieri minn dak inhar li jitwieled id-dritt tal-kreditur, salv il-każi ta' sospensjoni. B'mod illi, jekk l-azzjoni kontra l-perit għaddanni hi bażata fuq il-pretiża li hu ommetta li jinkludi fl-iskeda tax-xogħolijiet ċerti partiti ta' kumpens, u l-"claimant" kien jaf x'fiha dik l-iskeda u approvaha qabel ma ġiet preżentata, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta ġiet preżentata dik l-iskeda lill-War Damage Commission. u mhux minn meta l-War Damage Commission tinnotifika lill-"claimant" li mhix sejra tħallas xejn għal dawk il-partiti ommessi;*

*Ir-regola li, meta l-preskrizzjoni tiġi sollevata l-ewwel darba fl-appell u tiġi akkolta, il-konvenut li ssollevaha għandu jbati parti mill-ispejjeż tal-kawża, mhix applikabbli meta l-konvenut. għalkemm issolleva l-preskrizzjoni l-ewwel darba fl-appell, kien rebaħ anki fl-ewwel istanza.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, billi huma nkarikaw lill-konvenut, li aċċetta, bir-rikostruzzjoni tad-dar, mezzanin u terran Britannia Street. Valletta, ġa numri 83, 84 u 85, fondi li kienu distrutti b'atti tal-gwerra; u billi l-konvenut naqas li jinkludi fl-iskeda tax-xogħolijiet preżentata fl-uffiċċju tal-War Damage Commission dak li kellu jsir bejn il-fond tal-atturi u dawk retroposti f'livell aktar għoli, ta' Salvatore Micallef; u billi, qabel ma sar dan ix-xogħol, il-konvenut ġie avżat kif iridu jsir mill-"building inspector", u l-konvenut ommetta li jirrikorri għand il-War Damage Commission biex jinkludieh fl-iskeda tax-xogħolijiet jew xi skeda ġdida; u billi minħabba dawn l-ommissjonijiet l-instanti ħallsu "de proprio" l-ispiża ta' dawn ix-xogħolijiet, li saru fil-parti diviżjonali tal-fond tagħhom minn dak ta'

Salvatore Micallef, u sofrew l-ispejjeż tal-kawża "Buttigieg vs. Micallef" deċiża minn dik il-Qorti fit-18 ta' Mejju 1959, li l-atturi għamlu biex il-konvenut Micallef jikkontribwilhom parti mill-ispiża, f'liema kawża talbu l-kjamata in kawża tal-konvenut odjern; talbu li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni subiti mill-instanti minħabba l-ommissjonijiet tal-konvenut fuq rilevati, u kundannat iħallas id-danni subiti mill-instanti, likwidabbli separatament jew f'din il-kawża. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tas-16 ta' Mejju 1957;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Mejju 1960, li biha ċaħdet it-talba tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom; wara li kkunsidrat;

Mill-att promotorju tal-ġudizzju jidher li l-atturi jippretendu li l-konvenut arrekalhom danni billi, kif jallegaw, ommetta fir-rikostruzzjoni tal-fondi tagħhom mit-tiġrif tal-għadu milli jieħu kura li jinkludi fl-iskeda tax-xogħolijiet preżentata lill-Kummissjoni tal-War Damage, il-ħajt bejn il-fondi tal-instanti u l-fond retropost ta' Salvatore Micallef, li jinsab f'livell superjuri għal dak tal-istess atturi, u in konsegwenza qegħdin jitolbu d-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-konvenut u l-kundanna tal-istess konvenut għall-ħlas tagħhom, li għandhom jiġu likwidati separatament jew f'din il-kawża; bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża huma dawn li sejrin jiġu relatati;

Fil-kors tar-relazzjoni tagħhom sejrin isiru xi konsiderazzjonijiet għall-aħjar kjarezza tal-każ;

Il-konvenut fil-kwalità tiegħu ta' perit arkitett, ġie fl-annu 1949 inkarigat mill-atturi biex jirrikostruwixxi l-korp ta' bini, li kien imġarraf bil-gwerra u li kien jinsab fi Britannia Street, nri. 83, 84 u 85, il-Belt Valletta. Fit-23 ta' Mejju 1949 l-istess konvenut applika lill-Building Con-

trol Board għall-liċenża sabiex ikun jista' jaħdem, u l-permess relattiv ġieh fl-10 ta' Ġunju 1949;

Ottenut dan il-permess, li huwa, biex hekk jingħad l-ewwel stadju normali biex issir rikostruzzjoni ta' bini mġarraf bil-gwerra, huwa pprepara l-proġetti tal-fabbrikat kif seta' jitla'. Dawn il-proġetti alternattivi huma dawk markati A, B u C, raggruppati fid-Dokument "M" (fol. 41 tal-proċess). Minn dawn il-proġetti kontenuti fid-dokument "M" (fol. 42) jidher ċar li fil-parti retrostanti tal-korp ta' bini tal-instanti kienet proġettata bitħa, b'mod li l-ħajt estrem intern tagħhom, li kien kompost minn blat, ma kellux jiġi mimsus fir-rikostruzzjoni skond dawn it-tliet proġetti. Hawn għandu jiġi, għall-aħjar kjarezza tal-każ u tal-kwistjoni, sottolineat li fuq dan il-ħajt tal-blat, li kien jifforma l-estrema profondità tal-bini tal-atturi, li kien oriġinarjament jifforma ħajt ta' bitħa in parti u ħajt ta' gabinett in parti oħra, kien ipoġġi l-bini ta' ċertu Salvatore Micallef, li kellu beni immobili jagħtu għal Strada Sant'Andrea, il-Belt, u li kien jiġi f'livell superjuri għall-pjan tal-atturi, li fuqu kien ġjaċenti l-bini tal-atturi......;

Milli jidher, ebda wieħed mit-tliet proġetti proposti bil-pjanta dok. "M" ma għoġob lill-atturi; u mentri l-konvenut jgħid li r-raġuni għad-diżapprovazzjoni tagħhom hija li l-instanti riedu ..... dawn l-aħħar imsemmija, jew almenu l-attur Dr. Buttigieg, afferma illi l-kawża kienet...;

Diżapprovati mill-atturi t-tliet proġetti proposti fid-dok. "M", il-konvenut ipprepara l-proġett indikat u muri fil-pjanta markata bl-ittra "N" (fol. 43, fejn hemm kopja tiegħu). Minn dan il-proġett jidher li l-ħajt estrem intern tal-bini tal-atturi, li kien, kif fuq intqal, tal-blat, u fuq liema blat oriġinarjament kien poġġut il-bini għall-livell superjuri ta' Salvu Micallef, li kien jagħti għal Trieq Sant'Andrea, u li allura kien ukoll imġarraf bil-bombi, ma kienx sejjer jiġi mimsus......

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-att inizjatorju tal-proċess u in partikulari mill-premessi tiegħu, jirriżulta li l-instanti jippretendu li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni, l-għaliex (1) naqas li jinkludi fl-iskeda tal-War Damage Commission, minnu preżentata, ix-xogħol kif ġie ordnat mill-Building Inspector dwar il-ħajt tal-blat imsemmi fuq, u (2) tal-ispejjeż li nkorrew l-instanti fil-kawża "Buttigieg vs. Micallef" fuq imsemmija, biex dan l-aħħar jikkontribwilhom parti mill-ispiża tal-ħajt konsaput;

Illi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, l-instanti mhumiex sorretti minn dritt tajjeb fil-pretensjonijiet tagħhom. Infatti, dwar it-tieni pretensjoni jingħad li l-instanti ntavolaw id-dritt pretiż minnhom fuq id-dritt tal-appoġġ, kuntrarjament għall-fatti speċifiċi; liema bażi legali ġiet miċħuda mill-Qorti. Għal din it-teżi tal-atturi, li ma taqbelx mal-fatti partikulari, indubbjament ma jistgħax ikun tenut il-konvenut, anki jekk, jingħad għall-grazzja tal-argument, huwa kellu xi ħtija jew ħtijiet, totali jew parzjali, fl-erezzjoni tal-ħajt ordnat mill-Awtorità Sanitarja, billi huwa ma nkludiehx fl-iskeda tax-xogħolijiet tal-War Damage Commission. Minn dan jitnissel li dwar l-ispejjeż tal-konsaputa kawża, tentattivament intentata mill-atturi, huma ma għandhomx ħlief jimputaw lilhom innfishom il-ħsara li sofrew, u ma jistgħux jippretendu dik l-istess spiża minn għand il-konvenut;

Dwar l-ewwel pretensjoni, il-kwistjoni tar-responsabbiltà tirrikjedi eżami aktar dettaljat, li fid-dawl tal-fatti fuq esposti u l-kwistjonijiet sollevati, penetrati b'ċertu akume fondat fuq dak li seta' bi probabbilità għadda bejn il-partijiet in kawża, inissel għal konklużjoni negattiva għat-teżi attriċi;

Ikkunsidrat;

Illi għas-soluzzjoni ġusta tal-ewwel pretensjoni jridu jiġu eżaminati dawn il-fatti:—

1. Li l-perit konvenut ma setgħax ikun jaf bis-sovrappożizzjoni ta' bini ta' ħadd ieħor għal dak tal-instanti meta pprepara l-pjan alternattiv kontenuti fil-pjanta "M" . . . . . . ;

2. Lanqas huwa preżumibbli li l-perit konvenut kien jaf b'dik is-sovrappożizzjoni meta pprepara l-propost pjan "N", għall-istess raġuni fuq imsemmija . . . . . .;

3. Li l-attur Dr. Buttigieg jgħid li qabel il-21 ta' Marzu 1950 (fol. 131) huwa kien ta lill-perit xi spjegazzjonijiet tas-sovrappożizzjonijiet, u qralu n-notamenti li jinsabu fil-fol. 124 tal-proċess . . . . . ;

4. Skond il-konvenut, li mhux merut minn ħadd, għall-ħabta ta' April jew Mejju 1951, l-Avukat Butigieg ta lill-konvenut id-dokumenti "O" u "P", li kienu jimpurtaw kambjamenti strutturali estiżi . . . ;

Illi di fronti għal dawn il-konsiderazzjonijiet u għall-fatt inkontrastabbli li l-atturi ma setgħux ma jkunux jafu li r-rikostruzzjoni tal-korp ta' bini in kwistjoni, kif u meta rieduha huma, kienet sejra tinvolvi kumpens superjuri wisq sensibbilment minn dak li kien ġie akkordat mill-War Damage Commission, speċjalment għax-xogħolijiet neċessitati mill-istess alterazzjonijiet tal-fond kif kien oriġinarjament, din il-Qorti tħoss li lanqas fuq dan il-punt it-teżi tal-atturi ma tista' tiġi milqugħa bil-favur;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li dik is-sentenza in meritu għall-parti appellata tiġi revokata, u tiġi milqugħa t-talba tagħhom; bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

L-atturi fiċ-ċitazzjoni allegaw żewġ partiti ta' danni, ċjoè (1) flus li ħallsu "de proprio" għal xi xogħolijiet li

saru fil-parti diviżjonali tal-fond tagħhom minn dak ta' Salvatore Micallef, u (2) spejjeż li sofrew fil-kawża "Buttigieg vs. Micallef" deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-18 ta' Mejju 1959;

Kieku kellu jiġi trattat il-meritu, dawn iż-żewġ partiti ta' danni kien ikollhom, għal raġunijiet ovvji, jiġu diskussi separatament, kif infatti ddiskutiethom u ttrattathom l-Ewwel Onorabbli Qorti. Iżda għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni huma jistgħu jiġi trattati flimkien, għar-raġuni illi t-tnejn, skond il-pretensjoni tal-atturi, oriġinaw mill-istess kawża, ċjoè il-kolpa tal-appellat. Filpremess taċ-ċitazzjoni din hi magħmula tikkonsisti fil-fatt allegat illi, fl-inkarigu li hu kellu bħala perit tar-rikostruzzjoni tad-dar u mezzanin tal-atturi numri 83, 84 u 85 Britannia Street, Valletta, fondi li kienu ġew distrutti b'atti tal-aħħar gwerra, hu naqas li jinkludi ċerti xogħolijiet li kellhom isiru fl-Iskeda tax-Xogħolijiet preżentata lill-War Damage Commission, u, non ostante li ġie, qabel sar dan ix-xogħol, avżat kif riedu jsir il-Building Inspector, il-konvenut ommetta li jirrikorri lejn il-War Damage Commission biex jinkludieh fl-Iskeda tax-Xogħolijiet jew skeda ġdida;

B'dan l-appell l-atturi jridu jottjenu d-dikjarazzjoni illi l-konvenut hu responsabbli ta' dawk id-danni sofferti minnhom minħabba l-ommissjonijiet allegati minnhom kif intqal;

Kontra din il-pretensjoni, (li ġiet miċħuda mill-Ewwel Onorabbli Qorti) il-konvenut issa eċċepixxa wkoll il-preskrizzjoni ta' ħames snin. Għad illi l-konvenut ma semmiex fin-nota d-dispożizzjoni partikulari tal-Kodiċi Ċivili, ma jistgħax ikun hemm dubju, u l-avukat tiegħu dan spjegah oralment fit-trattazzjoni, illi l-preskrizzjoni nvokata minnu hi dik kontemplata fil-paragrafu (f) tal-art. 2261;

Skond din id-dispożizzjoni, huma preskritti bl-għeluq ta' ħames snin l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor (ċjoè mhux kompriż fil-paragrafi ta' qabel tal-istess arti-

kolu) li jkun ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond il-Kodiċi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att publiku;

Dwar l-applikabbilità ta' din ix-xorta ta' preskrizzjoni għall-każ, xejn kuntrarju ma ntqal mill-appellanti. U dan hu skond il-ġurisprudenza;

Għal din il-preskrizzjoni ma hemmx imsemmi fil-liġi "terminus a quo" partikulari, u kwindi tapplika d-dispożizzjoni ġenerali tal-art. 2242 tal-Kodiċi Ċivili, li tgħid illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tiddekorri mill-ġurnata li fiha dik l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Dan ifisser, skond id-dottrina, minn dak inhar li jitwieled id-dritt tal-kreditur (salvi, s'intendi, il-każijiet ta' sospensjoni, li mhumiex rilevanti għall-każ preżenti);

Issa, fil-kawża "Joseph Stivala vs. Prof. Joseph Colombo" (Kollez. Vol. XXXVII-II-622), li kienet ukoll għal danni kontra perit inkarigat minn xogħol ta' ħsarat tal-gwerra, ġie ritenut illi "l-obligazzjoni tal-konvenut u d-dritt tal-azzjoni tal-attur twieldu meta l-War Damage Commission, wara li nnotifikat lill-attur li ċerti xogħolijiet ġew minnha diżapprovati, u mhux kalkulati għall-finijiet tal-indennizz, awtorizzat il-ħlas tas-saldu ("final settlement") ta' dak l-indennizz. Minn dak inhar l-attur seta' jkun jaf bin-nuqqas u jaġixxi kontra l-konvenut";

F'dik il-kawża, il-Qorti ċaħdet sottomissjoni magħmula mill-konvenut fis-sens illi l-preskrizzjoni kellha tiddekorri minn meta hu kien spiċċa mill-inkarigu, "għaliex, apparti dak li fuq ingħad rigward il-possibbilità tal-azzjoni, ġa ladarba ma ġietx preċiżata l-ġurnata li fiha dak l-inkarigu spiċċa, għandu jitqies li din kienet meta l-konvenut bagħat il-kont tad-drittijiet tiegħu lill-War Damage Commission: u anki f'dan il-każ ma jirriżultax illi l-preskrizzjoni kienet laħqet għaddiet";

Fil-fehma tal-Qorti, il-fattispeċje ta' dak il-każ kienu xi ftit differenti minn dawk tal-każ preżenti. F'dak il-każ, il-kawża tad-danni reklamati kienet illi l-konvenut kien

naqas li josserva l-ftehim li kellu mal-attur dwar kif kellu jsir ix-xogħol, billi fir-rikostruzzjoni ordna xogħol f'ammont akbar minn dak miftiehem, b'mod illi l-War Damage Commission ordna deduzzjoni mill-kumpens mitlub, u wara din id-deduzzjoni l-konvenut irrifjuta li jagħmel il-verifiki neċessarji biex jinkiseb kumpens ieħor. "B'dan (qalet fis-sentenza dik l-Onorabbli Qorti) l-attur ma setgħax ikun jaf qabel il-Kummissjoni nnotifikat lill-attur b'dik id-deduzzjoni u awtorizzat il-"final settement";

Fil-każ preżenti, inveċe, il-kawża tad-danni reklamati hi magħmula tikkonsisti fil-fatt illi l-konvenut ommetta xi partiti li skond l-atturi hu kien imissu nkludihom fix-"schedules" preżentati lill-Kummissjoni. Kif jirriżulta mill-provi, ix-"schedules" preparati mill-konvenut ġew kollha murija lill-atturi, u ġew minnhom approvati u firmati (fol. 33, 35). Minn dak iż-żmien, mela, huma kienu jafu x'kien fihom ix-"schedules", u li għax-xogħol in kwistjoni ma kien hemm fihom ebda "claim". Manifestament, il-Kummissjoni ma setgħetx tagħtihom kumpens (suppost anki kien permess) ta' xogħol li fix-"schedules" ma kienx mitlub, u kien naturali illi l-approvazzjoni tax-"schedules" mill-Kummissjoni saret fuqhom kif magħmula, ċjoè bla ebda kumpens għax-xogħolijiet li issa l-atturi qegħdin jippretendu li l-konvenut messu nkluda. It-telf tal-atturi (jekk kien hemm telf) ġara meta, a konoxxenza tagħhom, l-ammont in kwistjoni ma ġiex mitlub lill-Kummissjoni. Dan il-fatt jifforma l-kawżali espressa tad-domanda, u kwindi minn dak inhar għandu jingħad li twieldet, talvolta, l-obligazzjoni tal-konvenut għar-riżarċiment tad-danni, u kwindi d-dritt ta' azzjoni fl-atturi;

Issa, skond ix-xhieda tal-appellat, mhux bl-ebda mod kontrastata, ix-"schedule of works" ġiet firmata mill-atturi fl-14 ta' Jannar 1950, preżentata lill-War Damage Commission fil-21 ta' Marzu 1950, u x-"schedules" kollha ġew approvati fit-13 ta' Lulju 1950. Mid-dokument fol. 74 jidher illi x-"schedules", una volta preżentati, ma kienux jistgħu jiġu modifikati jew miżjuda, u illi l-"permissible amount", una volta stabbilit mill-Kummissjoni, kellu jitqies bħala "fixed";

Minn dak iż-żmien sakemm ġie preżentat mill-atturi l-protest ġudizzjarju tas-16 ta' Mejju 1957, kienu għaddew wisq aktar minn ħames snin; infatti kważi sebgħa snin. Anqas biss ma hu allegat mill-atturi illi kien hemm xi interruzzjoni oħra tal-preskrizzjoni meta kienet għadha miexja;

Imma anki kieku kellu jingħad illi l-preskrizzjoni kellha titqies li bdiet tiddekorri minn meta l-konvenut spiċċa mill-inkarigu, il-preskrizzjoni għaddiet xorta waħda. F'dan il-każ, a differenza tal-każ l-ieħor "Stivala vs. Colombo" fuq ċitat, id-dati tat-terminazzjoni tax-xogħol ġew preċiżati mill-appellat, mhux kontraddett mill-appellanti. Hu xehed (fol. 172) illi x-xogħol tal-ġebel ("masonry works)") ġie mkejjel fl-10 ta' Diċembru 1951, u l-kejl tax-xogħol komplet sar fis-7 ta' Marzu 1952, u hu bagħat il-kontijiet kompleti fis-7 ta' Mejju 1952 (fol. 10). Għalhekk, jekk stess titqies din l-aħħar data, il ħames snin kienu għaddew sas-16 ta' Mejju 1957, data tal-protest;

Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandu xi rilevanza l-fatt — u anqas l-atturi ma għamlu ebda sottomissjoni f'dan issens — illi skond ix-xhieda tal-appellat hu għamel l-aħħar "mandat" fit-12 ta' Awissu 1952. Kif hu spjega, dan anzi juri illi x-xogħol kien ilu lest; tant kien ilu lest illi l-fond kien ġa mikri u hu stess kien ġa tħallas tal-"fees" tiegħu. Il-"mandat", infatti, mhux ħlief ċertifikat li x-xogħol li għalieh il-War Damage Commission tkun approvat l-allokazzjoni tal-flus ikun tassew sar, biex il-flus jistgħu jitħallsu lill-"claimant", jew lil xi ħadd ieħor awtorizzat mil-"claimant". Għall-finijiet ta' din il-kawża, iż-żmien rilevanti, kif ġa ntqal, hu dak meta l-Kummissjoni approvat l-ammont tal-ħlas li kellha tagħti, ċjoè meta approvat ix-"schedules" u ffissat il-"permissible amount"; dak kien iż-żmien meta l-atturi sofrew in-nuqqas kif pretiż minnhom fil-premessi taċ-ċitazzjoni, jekk nuqqas kien hemm;

Ġa ntqal illi, skond il-provi l-atturi kienu qegħdin jinżammu nfurmati b'kollox. Però, anki kieku, għall-grazzja tal-argument, ma kienux jafu, il-preskrizzjoni f'każijiet bħal dawn ma tiddekorrix "a die scientiae", iżda

minn dak inhar li titwieled l-obbligazzjoni, u kwindi l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata;

Sostanzjalment, l-unika difiża opposta mill-atturi għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet, waqt it-trattazzjoni, ir-rinunzja taċita da parti tal-appellat. Din ġiet bażata fuq is-sottomissjoni illi s-sistema ta' difiża li l-appellat adotta in prima istanza huwa nkonċiljabbli mal-preskrizzjoni, u għalhekk għandu jitqies li hu rrinunzja għaliha;

Ċertament huwa veru, u tgħidu espressament il-liġi stess, illi r-rinunzja għall-preskrizzjoni ġa kompjuta tista' tkun anki taċita, ċjoè riżultanti minn fatt li jissupponi l-abbandun tal-jedd akkwistat (art. 2214 Kod. Ċiv.). Biex dan jista' jingħad li jkun ġara, però, jeħtieġ illi l-fatt li minnu trid tiġi ndotta r-rinunzja taċita jkun tali li ma jistgħax raġjonevolment jiġi nterpretat mod ieħor għajr illi min għamlu ried jirrinunzja; vwoldiri l-Qorti trid tkun soddisfatta illi l-fatt ikun inkonċiljabbli mal-volontà tad-debitur eċċipjenti li javvantaġġja ruħu mir-rimedju tal-preskrizzjoni (App. Ċiv. "Borg vs. Testaferrata Bonici", 24.3. 1958);

Issa l-uniku fatt li minnu l-atturi jippretendu jinduċu r-rinunzja taċita da parti tal-konvenut, huwa dak li huma sejħu "is-sistema ta' difiża li hu adotta in prima istanza", u dan fis-sens biss illi hu kkontesta l-meritu u nnega l-eżistenza tad-dritt tal-atturi. Però, anki jekk fl-imgħoddi kien hemm xi dubju jew opinjoni kuntrarja fuq dan il-punt, illum huwa definittivament stabbilit mill-ġurisprudenza tagħna (kif qalet din il-Qorti fil-kawża "Borg vs. Cassar", App. Kumm. 19.2.1960) illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma hix inkompatibbli ma' dik tal-ineżistenza tal-obbligazzjoni, anqas fil-każ ta' dawk li jissejħu "preskrizzjonijiet brevi";

Dwar l-ispejjeż, il-konvenut kien rebaħ fuq il-meritu anki in prima istanza, u għalhekk ma jidherx li hu l-każ li tiġi applikata r-regola illi, meta l-preskrizzjoni tiġi sollevata l-ewwel darba fl-appell, l-eċċipjenti għandu jbati parti mill-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-appellat, u f'dan is-sens tikkonferma s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.